MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Numru. 1120/2012

**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**
**VS**
**ANDRE' BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Andre' Borg ta' 26 sena, bin Anthony u Maria Concetta nee' Mangion, mwieled Pieta' fit- 12 ta' Frar 1986, residenti 2, Sunrise Appartments, Triq Santa Marija, Mgarr u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 98886M;

Talli nhar l- 24 ta' Ottubru 2012 u/jew fil- jiem ta' qabel, mill- fond Flat 4, Swift Appartments, Triq il- Markiz Vincenzo Bugeja, Naxxar;

1) ikkommetta serq ta' kwantita' ta' gojjellerija, liema serq hu aggravat bil- mezz, bil- valur, li jeccedi €2,329.37

bil- persuna, bil- lok, u li sar ghad- dannu tal- koppja Victor u Rita konjugi Spiteri u/jew ta’ xi persuna/i jew ta’ xi entita’ u/jew entitatjiet ohra;

Aktar talli fl- istess data u hin u/jew fix- xhur ta’ qabel f’ dawn il- Gzejjer;

2) meta l- indirizz fuq il- karta tal- identita’ tal- imputat ma baqax iktar validu jew xort’ ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirraporta l- fatt lill- ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l- istess karta tal- identita’ mhux korretta lil, u li jaghti dak it- taghrif kollu li jkun mehtieg minn dak l- ufficjal;

3) iktar talli kiser Ordni ta’ Probation u Treatment Order ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta, imposti fuqu ghall- perjodu ta’ tlett snin u sentejn, rispettivament, permezz ta’ sentenza definittiva datata 1 ta’ Dicembru 2011, moghtija mill- Magistrat Dr Jacqueline Padovani LL.D, fejn l- istess Andre’ Borg kien misjub hati, fost ohrajn, ta’ frodi, pussess ta’ droga u uzu mhux legittimu ta’ informazzjoni;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta’ provi difiza f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kellu relazzjoni ma' bint il-vittmi ta' dan il-kaz, u kien midhla tad-dar taghhom. Fi zmien f'Ottubru, 2012, hu dahal id-dar taghhom u seraq diversi bicciet ta' gojjellerija, u kien bieghhom fi hwienet tad-deheb. Mill-provi prodotti, apparti l-ammissjoni tal-imputat, ma hemm l-ebda dubju li kien hu li effettivament seraq l-oggetti indikati fl-atti tal-kawza. Minghajr wisq dilungar jew tlaqliq, il-piena f'dan il-kaz sejra tkun wahda ta' prigunerija effettiva, tenut kont ukoll tal-ksur ta' ordni ta' probation li kien gia' inghata f'Dicembru 2011.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263(a), 265, 267, 268(b), 269(g), 278(3), 279(b), 280(2) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 9, 14(1) tal- Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 7, 21 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------